**KUNSILL LOKALI** **BORMLA** *Citta' Cospicua* **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 016/2020

8 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgħa

### 16.1 Qari ta' ittri ta' apologija

16.1.1 Ma kienx hemm

### 16.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

16.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 13 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

16.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

16.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 14 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

16.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

16.2.7 Il-minuti ta' seduta numru 15 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

16.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

### 16.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-25 t'Ottubru 2020 kien ser ikun qieghed jinzamm Jum il-Kottonera, attivita' li kienet qieghda tigi kkordinata mill-Fondazzjoni Kottonera. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet dettalji tal-attivita' msemmija.

16.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi b'effett immedjat u wara li kellha diskussjoni mal-Kunsillier Johann Scerri, kienet ser tkun qieghda zzid id-delega tat-Turizmu mad-delegi li kellu diga' l-istess Sur Scerri.

16.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kellha laqgha mal-familjari tal-artist Joseph Casha, liema familjari kienu talbu lill-Kunsill Lokali jikkunsidra l-possibilita' illi xoghol artistiku tas-Sur Casha jigi mpoggi f'Bacir Numru 1. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali, flimkien mal-familjari tas-Sur Casha kien ser ikun qieghed jesplora possibbli sorsi ta' finanzjament ghall-proposta imsemmija.

*F'dan l-istadju dahlet ghas-Seduta is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ( 17:47)*

## 16.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

16.4.1 Ma kienx hemm

## 16.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

16.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru010/20) ghall-approvazzjoni.

16.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

16.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Settembru 2020.

16.5.6 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**16.6 Mozzjonijiet**

16.6.1 *Mozzjoni numru 02/2020*

Gentilment, qed inressaq mozzjoni sabiex Triq San Lazzru gewwa Bormla, tinghalaq ghac-cirkulazzjoni tal-vetturi bi tpoggija ta' bollard fl-access taghha, komplimentari wkoll ma progett li qed jitwettaq fuq it-toroq tal-madwar kif ukoll wara li toroq ohra simili kien gie deciz ukoll li jinghalqu ghall-vetturi.

Personalment, dwar dan kelli l-opportunita' nitkellem ma' xi residenti u finalment ikkonsultajt ukoll mas-segretarju Ezekuttiv gewwa l-ufficcju amministrattiv.

Nibqa' tal-parir ukoll li, jekk ikun hemm qbil li, t-triq imsemmija tinghalaq ghall-vetturi, c-cwievet tal-bollard jinzammu u jigu amministrati biss mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Beltna, Bormla.

Proponent : James Cauchi

16.6.2 Is-Sur Martin Vella ressaq proposta skont artiklu 12 (K) tal-att dwar il-Gvern Lokali ( KAP 363) sabiex il-mozzjoni tigi taqra : "Hemmhekk (Triq San Lazzru), peress li hija triq illi diga' giet diskussa f'seduti precedenti diga' kien hemm no entry sign, allura ma hemmx ghalfejn issir bollard"

Ma kienx hemm sekondant.

*F'dan l-istadju is-Sa. Melanie Agius halliet is-seduta (18:10)*

16.6.3 Is-Sur James Cauchi ressaq proposta sabiex il-mozzjoni originali tkun emendata u tigi taqra : " Gentilment, qed inressaq mozzjoni sabiex Triq San Lazzru gewwa Bormla, li hija maghluqa ghall-vetturi permezz ta' tabelli, tigi sorveljata permezz ta' installazzjoni ta' CCTV cameras

Personalment, dwar dan kelli l-opportunita' nitkellem ma' xi residenti u finalment ikkonsultajt ukoll mas-segretarju Ezekuttiv gewwa l-ufficcju amministrattiv".

Il-mozzjoni hekk kif emendata giet issekondata mis-Sindku u kien hemm hames voti favur, astenzjoni wahda u ebda vot kontra.

*F'dan l-istadju is-Sa. Melanie Agius dahlet fil-kamra tas-seduta u poggiet mal-mejda ( 18:14)*

**16.7 Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjoniijiet**

16.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul kienu gew ippublikati sejha ghall-offerti ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo u ghal kiri ta' dawl ghal zmien il-Milied. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem bil-ghan illi jigu ppublikati z-zewg sejhiet ghall-offerti relatati ma' materji li kienu gew approvati fis-seduta precedenti.

**16.8 Rapporti**

16.8.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jsir reklam f'publikazzjoni li kien ser ikun qieghed johrog il-Kazin tal-Banda San Gorg. L-istess reklam kellu jkun *inside full color, full page* ghall-prezz ta' mitt ewro.
- Kien hemm qbil illi qabel tigi diskussa proposta ghal railing f'xatt ir-Rizq li kienet tressqet mill-Cospicua Boating Group, il-Kunsill Lokali kellu jistenna li jitlesta progett ta' ferry landing fiz-zona u jkun hemm infurzar fuq imwejjed u siggijiet ta' stabbiliment li kien hemm fil-vicin.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri sitt sigar tar-rand u zewg *pots* minghand Piscopo Gardens ghall-prezz ta' tliet mija u wiehed u sittin ewro. L-offerent kien l-orhos minn total ta' erba' stimi li kienu ngabru mill-Kunsill Lokali.

- Il-Kunsill Lokali qabel li kellhom jinxtraw hames sigriet tat-tip Delonix Regia minghand Flower Sales Ltd. ghall-prezz ta' erba mitt ewro. L-offerent kien l-orhos minn total ta' erba' stimi li kienu ngabru mill-Kunsill Lokali.
- Wara li gie infurmat illi applikazzjoni li kien issottometta taht il-programm EAA Norway Grants 2014-2021 ma kenitx giet accettata, il-Kunsill Lokali qabel illi filwaqt li ma kellux jigi sottomess appell, kellha tintalab laqgha li matulha jigu diskussi d-dettalji tal-applikazzjoni.
- Kien hemm qbil illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet tressqet mid-Dipartiment ghall-anzjanita' attiva sabiex ikun hemm spazju riservat ghal servizz bl-isem ta' *silver-t-car* biswit id-dar tal-anzjani.
- Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu permezz tal-iskema SPI.3.2020 japplika sabiex issir rigenerazzjoni ta' parti minn Pjazza Santa Margerita.
- Kien hemm qbil illi kemm il-darba jkun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jikkonsulta mal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi permezz tal-iskema SPI.06.2020 jigi implimentat il-progett *slow streets* li l-Kunsill Lokali kien diga' wera interess fih.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem sabiex jingabru stimi ghal *server* gdid peress illi dak ezistenti kien qieghed johloq xi problemi relatati ma networking

*F'dan l-istadju is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi minhabba impenji ohra tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda thalli s-seduta (18:35)*

*Is-Sur Marco Agius ha post is-Sindku u ppresjeda s-seduta*

*F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier James Cauchi ( 19:08)*

- Is-Sur Marco Agius pogga fuq il-mejda stima li kienet tammonta ghal hames mija u ghoxrin ewro ghal impressjoni artistika tal-arma tal-Kunsill Lokali maghmula minn fiberglass. L-istess impressjoni artistika kellha tigi installata fuq tlettax il-disinn fil-hadid li kienu ser jitwahhlu fi Triq id-Dejqa. Wara diskussjoni libera gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jordna x-xoghol. Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi fir-rigward ma kenux ingabru tliet stimi peress li n-natura tax-xoghol kienet unika u ebda artist ma seta' jaghti stima ghall-istess xoghol.

*F'dan l-istadju harget mis-Seduta il-Kunsilliera Melanie Agius ( 19:10)*

- Is-Sur Marco Agius qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva zewg komunikati rigward xoghol li kien qieghed isir fi Triq Dom Mintoff u li dwaru l-Kunsill Lokali kien ircieva zewg e-mails

*F'dan l-istadju dahal ghas-seduta u pogga mal-mejda is-Sur James Cauchi ( 19:13)*

Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss ix-xoghol il-kwistjoni u filwaqt li kien hemm qbil generali illi x-xoghol imwettaq kemm fuq ir-restawr tal-monument kommemorattiv tat-tieni Gwerra Dinjija kif ukoll ta' tibjid fuq il-madwar kien ta' kwalita' tajba, kien hemm xetticizmu fuq il-kuluri uzati.

F'dan l-istadju dahlet lura ghas-seduta u poggiet mal-mejda il-Kunsilliera Melanie Agius (19:16)

- Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss ix-xoghol il-kwistjoni u filwaqt li kien hemm qbil generali illi x-xoghol imwettaq kemm fuq ir-restawr tal-monument kommemorattiv tat-tieni Gwerra Dinjija kif ukoll ta' tibjid fuq il-madwar kien ta' kwalita' tajba, kien hemm dubji fuq il-kuluri uzati. Gie deciz illi matul Novembru 2020, kellu jitnehha kulur ahdar li kien mie mizbugh f'partijiet minn hitan li kien hemm u minflok jinzebagh il-kulur magnolia. Gie deciz ukoll illi dwar il-materja kellha tinhareg stqarrija ghall-istampa u mezzi tax-xandir.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jordna uniformijiet (suit) ghall-impjegali klerikali minghand Roosendaal Trading Limited li kienet l-unika kumpanija illi kienet ipprovdiet stima ghal unformi kompluta mill-kumpaniji li gew miltuba jikkwotaw. Kellhom jinxtraw qomos minghand l-orhos offerent fost il-kumpaniji li kienu kkwotaw.

**16.9 Aggornament tas-seduta u data tas-seduta li jmiss**

**16.9.1** Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-12 ta' Novembru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 12 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |